PROGRAMM / *PROGRAMME*

CARMELITE INSTITUTE MALTA

2025-26

CARMELITE INSTITUTE MALTA

CARMELITE INSTITUTE
MALTA

PREŻENTAZZJONI
Presentation

Il-**Carmelite Institute Malta** qed jippreżenta l-programm ta' attivitajiet għas-sena 2025-26, li se jkun qed idur bis-sħiħ madwar San Gwann tas-Salib, hekk kif il-Karmelu fl-2026 se jfakkar it-300 sena mill-kanonizzazzjoni tiegħu.

Il-programm jiftaħ b'kors li jibda f'Novembru u jibqa' sejjer sa' April, imbagħad f'Mejju jkollna wkoll irtir li fih nirriflettu u nimmeditaw fuq il-mixja spiritwali tagħna mgħejunin mid-duttrina ta' San Gwann tas-Salib. Għal din is-sena hemm il-ħsieb li noffru wkoll pellegrinaġġ fuq il-passi tad-'Duttur Mistiku' fi Spanja.

Matul is-sena se jsiru wkoll klassijiet ta' Meditazzjoni Nisranija fit-tradizzjoni Karmelitana, u li se jkunu ispirati mit-tagħlim ta' San Gwann tas-Salib sabiex insaħħu t-taħriġ tagħna.

B'kollaborazzjoni mal-Jesuit Foundation u l-Akkademja tal-Malti, l-Istitut se jkun qed jorganizza wkoll żewġ attivitajiet kulturali: rappreżentazzjoni teatrali tal-Kastell Ġewwieni ta' Santa Tereża ta' Ġesù kif ukoll taħdita fuq l-arkivju u l-librerija ta' Mario Azzopardi mħollija minnu lill-Istitut Karmelitan.

Nistednukom bil-qalb tingħaqdu magħna f'din il-mixja tar-ruħ u għal aktar tagħrif tistgħu tiktbulna fuq **istitut@karmelitani.org**

Nota fuq l-ilsien f'dan il-fuljett

L-Istitut iħossu fid-dmir li jħares l-ilsien Malti. Min-naħa l-oħra inħossu wkoll li għandhom jitqiesu bosta barranin li jistgħu jkunu nteressati jieħdu sehem. Għaldaqtant fil-programm qed nużaw il-Malti u l-Ingliż skont b'liema ilsien tkun se sseħħ l-attività.

*The **Carmelite Institute Malta** is pleased to present its programme of events for the coming year, which will be wholly dedicated to St John of the Cross as Carmel prepares to commemorate the 300th anniversary of his canonisation in 2026.*

The programme opens with a course running from November through April, followed in May by a retreat, and culminating in a pilgrimage tracing the footsteps of the 'Mystical Doctor' in Spain.

Throughout the year, classes in Christian Meditation in the Carmelite tradition will also be held, drawing deeply from the teachings of St John of the Cross to inspire and support our meditative practice.

Also, in collaboration with the Jesuit Foundation and the Maltese Language Academy, the Institute will also be organising two cultural activities: a theatrical performance of The Interior Castle by Saint Teresa of Jesus, as well as a talk on the archive and library of Mario Azzopardi, which he bequeathed to the Carmelite Institute.

*We warmly invite all who wish to share in this journey to take part in the programme, and for further details kindly contact us at **istitut@karmelitani.org***

Note on language in this booklet

The Institute feels it has a duty to safeguard the Maltese language. On the other hand, we also feel that consideration should be given to foreigners who may be interested in participating. Therefore, in the programme we are using both Maltese and English, depending on which language is to be used.

REGISTER NOW

ISTITUT@KARMELITANI.ORG

300 years from his canonisation

IN THE SILENT FLAME

THE CARMELITE MYSTICISM OF ST JOHN OF THE CROSS

COMMEMORATING THE 300TH ANNIVERSARY OF HIS CANONISATION (1726-2026)

NOVEMBER 2025 - APRIL 2026

CARMELITE INSTITUTE

MALTA

info: https//www.istitutkarmelitan.com

Commemorating St John of the Cross

300 years from his canonisation

"In the Silent Flame: The Carmelite Mysticism of St John of the Cross" –

In 2026, Carmel and the Church will mark 300 years since the canonisation of St John of the Cross, Carmelite friar, poet, mystic, reformer and Doctor of the Church. As we commemorate this tricentenary, the six-session seminar offers an opportunity to engage deeply with his life, spirituality, and lasting influence. Rooted in his Carmelite heritage, this course explores the essential themes of John's mystical theology within the broader context of Christian spirituality. We will trace his development against the backdrop of Carmelite reform initiated by Teresa of Jesus with his valuable collaboration, Spanish mysticism, and monastic tradition. Beginning with the Carmelite origins on Mount Carmel, the Rule of St Albert, the Ignea Sagitta, and the foundations of Carmelite spirituality, we will then delve into John's own spiritual journey and theological vision.

Participants will be guided through his major works (The Ascent of Mount Carmel, The Dark Night, The Spiritual Canticle, and The Living Flame of Love), exploring their literary beauty, psychological insight, and spiritual depth. Through attentive reading, discussion, and reflection, the course builds toward a deeper appreciation of the soul's journey to union with God through the transforming paths of silence, detachment, and love.

Whether you are encountering John of the Cross for the first time or seeking to revisit his works and legacy, this seminar offers a contemplative and intellectually grounded space to do so.

For more information on the programme and venue kindly contact us on istitut@karmelitani.org

CARMELITE INSTITUTE
MALTA

Session 1: Carmelite Foundations – The Spiritual Soil of John of the Cross
Scheduled for: November 22nd
Speaker: Rev. Alexander Vella, O.Carm.

Session 2: Life and Times of St John of the Cross
Scheduled for: December 20th
Speaker: Pia Attard Yeon

Session 3: The Ascent of Mount Carmel – Detachment and the Path to Union
Scheduled for: January 31st
Speaker: Rev. Kurt Mizzi, O.Carm.

Session 4: The Dark Night – Suffering, Silence, and Transformation
Scheduled for: February 28th
Speaker: Dr Christopher Bezzina

Session 5: The Spiritual Canticle – Love Language of the Soul
Scheduled for: March 28th
Speaker: Dr Glen Attard
Focus: Mystical love and union with God

Session 6: The Living Flame of Love – Mature Mysticism and the Glorified Soul
Scheduled for: April 18th
Speaker: Rev. Prof. Charló Camilleri, O.Carm.

Venue: *Ċentru Spiritwalità Tereżjana, B'Kara*.
Time: 9H30 - 12H00

Hemm il-ħsieb li dan il-Kors jittella' wkoll Għawdex. Dettalji aktar 'il quddiem.

CARMELITE INSTITUTE

MALTA

TAĦRIĠ FIL-MEDITAZZJONI NISRANIJA

15 ta' Ottubru; 19 ta' Novembru; 17 ta' Diċembru; 14 ta' Jannar; 18 ta' Frar; 11 ta' Marzu; 15 ta' April; 20 ta' Mejju; 17 ta' Ġunju.

Imexxi P. Charló Camilleri, O.Carm.

CARMELITE INSTITUTE

MALTA

mis-6.30pm sat-8pm
fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Parroċċa Madonna tal-Karmnu, fil-Gżira

KLASSI TAL-MEDITAZZJONI NISRANIJA
CHRISTIAN MEDITATION CLASS

Se jerġa' jiftaħ it-taħriġ fil-Meditazzjoni Nisranija fit-Tradizzjoni Karmelitana f'dawn id-dati:
Meditation classes in the Carmelite tradition will be resuming on the following dates:

- 15 ta' Ottubru / 15th October
- 19 ta' Novembru / 19th November
- 17 ta' Diċembru / 17th December
- 14 ta' Jannar / 14th January
- 18 ta' Frar / 18th February
- 11 ta' Marzu / 11th March
- 15 ta' April / 15th April
- 20 ta' Mejju / 20th May
- 17 ta' Ġunju / 17th June

Fejn / *Venue*: Ċentru Parrokkjali Gżira,
Triq Sir William Reid, Il-Gżira.

Ħin / *Time*: 6.30pm – 8.00pm

CARMELITE INSTITUTE
MALTA

“Fuq l-Għolja tal-Ispirtu: Mixja lejn il-Qalb ta’ Alla”

F’għeluq it-300 sena mill-Kanonizzazzjoni ta’ San Ġwann tas-Salib se nkunu qegħdin noffru rtir ispirat minn San Ġwann tas-Salib u t-tagħlim Mistiku tiegħu, bejn il-15 u s-17 ta’ Mejju fid-Dar tat-Talb Lunzjata, limiti tar-Rabat. L-irtir se jkun immexxi mis-Sra Rita Grima u joffri spazju ta’ skiet, talb u riflessjoni fuq il-ħajja spiritwali skont id-Duttrina ta’ San Ġwann tas-Salib.

Għal aktar dettalji tista’ tibgħat email fuq: **istitut@karmelitani.org.**

CARMELITE INSTITUTE

MALTA

ytc

Pilgrimage in the footsteps of St John of the Cross

Follow in the footsteps of St John of the Cross this June / July on a deeply enriching pilgrimage through Spain, visiting the sacred places where the great Carmelite mystic lived, prayed, and left his spiritual legacy. Walk the same paths that inspired his writings and discover the beauty of the monasteries, churches, and landscapes sanctified by his life of prayer and contemplation. This unique journey offers not only a chance to explore Spain's rich cultural and religious heritage but also an invitation to deepen your own faith. For more information and bookings, contact 79792040 or email info@ytc.com.mt

Il-Karmelu u l-kultura

THE JESUITS' CHURCH FOUNDATION
VALLETTA - MALTA

CARMELITE INSTITUTE
MALTA

F'kollaborazzjoni mal-*Carmelite Institute Malta*, *The Jesuits' Church Foundation*, nhar id- 19 ta' Frar, se jtella' lejla letterarja b'element mużikali "Il-Kastell Interjuri". Din il-kitba ta' Mario Azzopardi ssib l-ispirazzjoni tagħha mit-trattat mistiku ta' Santa Tereża ta' Ġesù fuq l-istadji mistiċi tal-ħajja tat-talb, fejn in-namrata ta' Alla tgħaddi minn għamara għal oħra fil-Kastell Ġewwien tagħha nnifisha sakemm tasal li ssib fil-qalba ta' ruħha l-Għarus Divin fit-temma taż-żwieġ mistiku. Din l-interpretazzjoni letterarja tal-Kastell Interjuri ta' Tereża ta' Ġesù hija mżewwqa wkoll bil-mużika fit-taħdit bejn ir-ruħ u t-tfajliet li jakkumpanjawha f'dan il-vjaġġ ġewwieni li mill-instaži jdaħħalha fl-estaži mistika li tiżboq il-kliem u l-fantażija. Tinterpreta t-test Marvic Doughty. Il-lejla tiftaħ b'taħdita minn P. Charlo Camilleri, O.Carm.

Din l-interpretazzjoni letterarja kienet ittellgħet l-ewwel darba għaxar snin ilu f'għeluq il-500 sena mit-twelid ta' Santa Tereża ta' Ġesù, fil-Karmnu tal-Mdina, b'kollaborazzjoni mad-*Drama Centre*. Għal aktar dettalji ikteb fuq: **istitut@karmelitani.org** jew fuq: **info@jesuitschurchfoundation.org**

L-Akkademja tal-Malti, b'kollaborazzjoni mal-*Carmelite Institute Malta*, se torganizza taħdita dwar l-Arkivju u l-Librerija ta' Mario Azzopardi, li kienu tħallew bħala wirt lill-Istitut Karmelitan taħt il-ħarsien tas-Sa Patricia Gatt. Din it-taħdita se tkun immexxija minn P. Charló Camilleri, O.Carm., flimkien mas-Sa Patricia Gatt, u se tkun mogħnija bi żjara fl-Arkivju u l-Librerija ta' Mario Azzopardi, sabiex il-pubbliku jkun jista' japprezza mill-qrib il-ġabra unika ta' dan il-personaġġ li għana l-qasam letterarju u teatrali f'pajjiżna. Aktar dettalji dwar din it-taħdita jitħabbru aktar 'il quddiem.

Għal aktar informazzjoni tistgħu tiktbu fuq **istitut@karmelitani.org** jew iżżuru l-paġna uffiċjali tal-Akkademja fuq **https://akkademjatalmalti.org/kuntatt/**

CARMELITE INSTITUTE

MALTA

CARMELITE INSTITUTE MALTA

Kunvent tal-Karmnu, Triq Villegaignon,

L-Imdina. MDN 1190.

istitut@karmelitani.org